> Sliem għalik aħna ngħidulek
> Kemm ninsabu ferħanin
> Sliem għalik, o kbir Andrea
> Protettur tal-Ħalluqin

# Kwadru ta' Sant'Andrija fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina Żejtun

**Mario Fenech**

Wieħed mill-altari tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żejtun huwa ddedikat lil Sant'Andrija.

Il-kwadru huwa xogħol tal-Artist Vincenzo Hyzler u sar fis-sena 1846. Dan it-tagħrif nafuh mill-kitba li ħalla l-artist stess fuq is-salib li jidher qiegħed iħaddan Sant'Andrija.

Dan l-altar ta' Sant'Andrija kienu jieħdu ħsiebu s-sajjieda li kienu jgħixu fir-raħal taż-Żejtun u minn dejjem ħasbu biex dan l-artal ma jkun jonqsu xejn meta jintrama għall-festi li kienu jsiru.

Aktar tard imbagħad meta r-raħal ta' Marsaxlokk kiber fid-daqs u kellu l-knisja tiegħu li tlestiet fis-sena 1892, din id-devozzjoni ġiet mifruxa wkoll f'dan ir-raħal fejn is-sajjieda tal-post waqqfu statwa tal-ġebel ta' Sant'Andrija fuq kolonna fil-pjazza ta' quddiem il-knisja.

F'dan il-kwadru ta' Sant'Andrija taż-Żejtun li huwa l-uniku xogħol li għamel dan l-artist f'Malta naraw il-qdusija l-imħabba li kellu dan il-Qaddis lejn is-Salib tal-Fidwa tagħna.

Studjużi tal-Arti jiddeskrivu dan ix-xogħol bħala wieħed li fih sinjal ta' Barokk u Rococo.

Ix-xena li tidher wara l-figura tal-Qaddis hija waħda mifruxa sew, fejn l-Artist għamel użu minn parti mdaqqsa tat-tila biex pinġa l-baħar b'konnessjoni ma' dak li huwa meqjum bħala l-Qaddis Patrun tas-Sajjieda, id-dgħajsa bix-xbieki u l-moqdief fuqha, filwaqt li fil-bogħod ftit siġar u bini.

F'idejn ix-xellugija tal-Qaddis jidher il-Ktieb tal-Vanġelu li huwa miżmum b'id mgħottija bid-drapp tal-mantell nieżel minn fuq l-ispalla tal-Qaddis.

Il-ħarsa fuq wiċċ Sant'Andrija f'dan il-kwadru hija merfugħa 'l fuq u tfisser l-imħabba għamja li kellu lejn il-feddej. Imħabba li waslitu biex jieħu l-martirju għal dan it-twemmin tiegħu.

Wieħed mill-aħwa tal-Artist li pinġa l-kwadru Giuseppe, kien artist ukoll u għamel xi xogħlijiet oħrajn li jinstabu f'diversi knejjes tal-gżejjer Maltin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.